

Brussell, 3 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14988/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0392(NLE)

AELE 40
EEE 37
N 93
ISL 52
FL 31
MI 935
CLIMA 530
ENV 1232
ENER 594
TRANS 471

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Novembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 696 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar emenda tal-Anness XX (L-ambjent) tal-Ftehim ŻEE (ETS Marittima u Stazzjonarja)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 696 final.

Mehmuż: COM(2023) 696 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.11.2023
COM(2023) 696 final

2023/0392 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat
Konġunt taż-ŻEE, dwar emenda tal-Anness XX (L-ambjent) tal-Ftehim ŻEE**

(ETS Marittima u Stazzjonarja)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE b'rabta mal-adozzjoni prevista tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt dwar emenda tal-Anness XX (L-Ambjent) tal-Ftehim ŻEE

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim ŻEE

Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“*il-Ftehim ŻEE*”) jggarantixxi drittijiet u obbligi ugwali fi ħdan is-Suq Intern għaċ-ċittadini u l-operaturi ekonomiċi fiż-ŻEE. Huwa jipprevedi l-inklużjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE li tkopri l-erba' libertajiet madwar it-30 Stat taż-ŻEE li jinkludu l-Istati Membri tal-UE, in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein. Barra minn hekk, il-Ftehim ŻEE jkopri l-kooperazzjoni f'oqsma importanti oħra bħar-riċerka u l-iżvilupp, l-edukazzjoni, il-politika soċjali, l-ambjent, il-protezzjoni tal-konsumatur, it-turiżmu u l-kultura, kollettivament magħrufin bħala l-politiki “*ta' appoġġ u orizzontali*”. Il-Ftehim ŻEE daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994. L-Unjoni flimkien mal-Istati Membri tagħha hija parti għall-Ftehim ŻEE.

2.2. Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-Ftehim ŻEE. Huwa forum għall-iskambju ta' fehmiet b'rabta mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE. Id-deċiżjonijiet tiegħu jittieħdu b'konsens u huma vinkolanti fuq il-Partijiet. Ir-responsabbiltà għall-koordinazzjoni ta' kwistjonijiet taż-ŻEE min-naħa tal-UE hija tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea.

2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mistenni jadotta d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (“*l-att previst*”) rigward l-emenda tal-Anness XX (L-Enerġija) tal-Ftehim ŻEE.

L-għan tal-att previst huwa li jinkorpora fil-Ftehim ŻEE r-Regolament (UE) 2023/957 li jemenda r-Regolament (UE) 2015/757 sabiex jipprevedi l-inklużjoni tal-attivitajiet tat-trasport marittimu fis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra addizzjonali u emissjonijiet minn tipi ta' bastimenti addizzjonali¹, id-Direttiva (UE) 2023/959 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema tal-Unjoni għan-negożjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra², id-Deċiżjoni (UE) 2023/852 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 fir-rigward tal-għadd ta' kwoti li għandhom jitqiegħdu fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-

¹ Ir-Regolament (UE) 2023/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2015/757 sabiex tiġi prevista l-inklużjoni tal-attivitajiet tat-trasport marittimu fis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra addizzjonali u emissjonijiet minn tipi ta' bastimenti addizzjonali, ĠU L 130, 16.5.2023, p. 105.

² Id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' skambju ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Unjoni, ĠU L 130, 16.5.2023, p. 134.

sistema tal-Unjoni għan-negożjar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030³, u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1575 dwar il-kwantità ta' kwoti madwar l-Unjoni li għandhom jinħarġu skont is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għall-2024⁴.

L-att previst isir vinkolanti għall-partijiet f'konformità mal-Artikoli 103 u 104 tal-Ftehim ŻEE.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIJIED F'ISEM L-UNJONI

Il-Kummissjoni tippreżenta l-abbozz ta' Deċiżjoni anness tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għall-adozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-pożizzjoni, ladarba adottata, tiġi ppreżentata fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE kemm jista' jkun malajr.

L-abbozz anness tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jipprevedi klawżola ta' reviżjoni speċifika relatata mal-applikazzjoni tal-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE u, sakemm l-eżitu ta' dak ir-rieżami, ir-regoli ta' permessi u monitoraġġ tal-Kapitolu IVa ma japplikawx għal-Liechtenstein. Din tmur lil hinn minn dak li jista' jitqies bħala sempliċi adattamenti tekniċi fis-sens tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2894/94⁵. Għalhekk, il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill.

Iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-Liechtenstein jiġġustifikaw dan l-adattament, peress li l-Liechtenstein għandu trattat bilaterali mal-Iżvizzera li permezz tiegħu l-ewwel jistabbilixxi l-istess livell ta' taxa fuq is-CO₂ bħat-taxxa fuq is-CO₂ tal-Iżvizzera (attwalment EUR 120 għal kull tunnellata ta' CO₂) u, it-tieni, li permezz tiegħu jistabbilixxi li t-taxxa fuq is-CO₂ hija amministrata kompletament mill-awtoritajiet Żvizzeri, inkluż il-ġbir tat-taxxa fil-fruntiera bejn il-Liechtenstein u l-Awstrija, u mħallsa mill-entitajiet Żvizzeri. Dan għaliex il-konsenji kollha tal-fjuwil jiġu mill-Iżvizzera, u l-ħżin tal-fjuwil isir minn entitajiet Żvizzeri. Għalhekk, hemm rieżami speċifiku għal-Liechtenstein għad-durata tad-deroga taċ-ċediment tal-ETS2, f'każ li t-taxxi nazzjonali fuq il-karbonju jkunu effettivament oġhla mill-prezz tal-ETS2 fiż-żmien tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li jmiss dwar l-inkorporazzjoni tal-emendi għad-Direttiva 2003/87/KE. Dan huwa mistenni wara r-rieżami indikattiva ta' Lulju 2026 tad-Direttiva 2003/87/KE deskritta fl-Artikolu 30. Qabel ma dik id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tidħol fis-seħħ, id-dispożizzjonijiet dwar il-permessi, il-monitoraġġ u r-rappurtar għall-entitajiet regolati ma japplikawx għal-Liechtenstein.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Princijpi

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu *“il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

³ Id-Deċiżjoni (UE) 2023/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' April 2023 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 fir-rigward tal-għadd ta' kwoti li għandhom jitqiegħdu fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-sistema tal-Unjoni għan-negożjar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030, ĠU L 110, 25.4.2023, p. 21.

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1575 tas-27 ta' Lulju 2023 dwar il-kwantità ta' kwoti li se jinħarġu għall-Unjoni kollha skont is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għall-2024, ĠU L 192, 31.7.2023, p. 30.

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi atti li jkollhom effetti legali permezz tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Jinkludi wkoll strumenti li ma jkollomx effetti vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li jkunu "*kapaċi jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mill-leġiżlatura tal-UE*"⁶.

4.1.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ*

Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE huwa korp stabbilit minn ftehim, jiġifieri l-Ftehim ŻEE. L-att, li l-Kumitat Konġunt taż-ŻEE huwa mitlub jadotta, jikkostitwixxi att li jkollu effetti legali. L-att previst isir vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikoli 103 u 104 tal-Ftehim ŻEE.

L-att previst ma jissupplimentax jew jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim. Għaldaqstant, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE flimkien mal-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2894/94.

4.2. **Bażi legali sostantiva**

4.2.1. *Prinċipji*

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE flimkien mal-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2894/94 tiddependi primarjament fuq il-bażi legali sostantiva tal-att legali tal-UE li għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

Jekk l-att previst isegwi żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew komponenti jkun identifikabbli bħala dak ewlieni, billi l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tkun ibbażata fuq bażi legali sostantiva waħda, jiġifieri dak meħtieġ mill-għan jew il-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ*

Peress li d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tinkorpora fil-Ftehim ŻEE r-Regolament (UE) 2023/957, id-Direttiva (UE) 2023/959, id-Deċiżjoni (UE) 2023/852 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1575, huwa xieraq li din id-deċiżjoni tal-Kunsill tiġi bbażata fuq l-istess bażi ġuridika sostantiva bħall-atti li huma inkorporati. Għalhekk, il-bażi legali sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

4.3. **Konklużjoni**

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 1 TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE u l-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2894/94.

5. **PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST**

Billi l-att tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE se jemenda l-Anness XX (L-Enerġija) tal-Ftehim taż-ŻEE, huwa xieraq li wara l-adozzjoni tiegħu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁶ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar emenda tal-Anness XX (L-ambjent) tal-Ftehim ŻEE

(ETS Marittima u Stazzjonarja)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea⁷, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea⁸ ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li, fost l-oħrajn, jemenda l-Anness XX (L-Ambjent) tal-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2023/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹, id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰, id-Deċiżjoni (UE) 2023/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1575¹² jenħtieġ li jiġu inkorporati fil-Ftehim ŻEE.

⁷ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

⁸ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

⁹ Ir-Regolament (UE) 2023/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2015/757 sabiex tiġi prevista l-inklużjoni tal-attivitajiet tat-trasport marittimu fis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra addizzjonali u emissjonijiet minn tipi ta' bastimenti addizzjonali, ĠU L 130, 16.5.2023, p. 105.

¹⁰ Id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' skambju ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Unjoni, ĠU L 130, 16.5.2023, p. 134.

¹¹ Id-Deċiżjoni (UE) 2023/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' April 2023 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 fir-rigward tal-għadd ta' kwoti li għandhom jitqiegħdu fir-riżerva tal-

- (4) L-Anness XX (L-ambjent) tal-Ftehim ŻEE għalhekk jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Anness XX (L-Ambjent) tal-Ftehim ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

istabbiltà tas-suq għas-sistema tal-Unjoni għan-negozjar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030, ĠU L 110, 25.4.2023, p. 21.

¹² Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1575 tas-27 ta' Lulju 2023 dwar il-kwantità ta' kwoti li se jinħarġu għall-Unjoni kollha skont is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għall-2024, ĠU L 192, 31.7.2023, p. 30.